

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1530****tal-11 ta' Settembru 2015****li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-argentina silus fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni III u IV minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 <sup>(2)</sup>, jistabbilixxi l-kwoti għall-2015.
- (2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, jidher li l-qabdiet tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, li saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi fih jew li huma rreġistrati fih, laħqu l-kwota allokata lilhom għall-2015.
- (3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***L-ilħiq tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2015, allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi fih, għandha titqies li ntlaħqet mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Il-projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi fih jew li huma rreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, li jiġi ttrasportat, li jiġi ttrażbordat jew li jittella' l-art il-ħut minn dak l-istokk li jkun inqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014 (ĠUL 22, 28.1.2015, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Settembru 2015.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
João AGUIAR MACHADO  
Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

ANNEX

Nru	23/TQ104
Stat Membru	L-Irlanda
Stokk	ARU/34-C
Speċijiet	Arġentina silus ( <i>Arġentina silus</i> )
Żona	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni III u IV
Data tal-Għeluq	1.1.2015